MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 826/2009

***Auto Sales Limited***

***Versus***

**John Bonavia**

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi talbet il-ħlas ta' wieħed u erbgħin elf, mitejn u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€41,258.45), prezz ta' vettura mibjugħa lill-konvenut. B'nota tat-12 ta' Frar 2010 naqqset it-talba b'sebat elef euro (€7,000) għal erbgħa u tletin elf, mitejn u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€34,258.45) , flimkien mal-imgħaxijiet relativi u l-ispejjeż tal-kawża.

2. Il-konvenut, għalkemm notifikat bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, la wieġeb u lanqas deher għas-smigħ tal-kawża, u ma għamel ebda sottomissjoni bil-miktub għalkemm ingħata l-fakoltà jagħmel hekk kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

3. Il-konvenut xtara vettura mingħand l-attriċi bil-patt illi jħallas bin-nifs, b'dan iżda illi jekk il-konvenut jaqa' lura fil-ħlas ikollu jħallas il-bilanċ kollu minnufih. Mix-xiehda ħareġ illi l-konvenut effettivament waqa' lura fil-ħlas. It-talba tal-attriċi għalhekk għandha tintlaqa'.

4. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbgħa u tletin elf, mitejn u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€34,258.45) flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------